

European product categorisation system (EuPCS) v.4.0

Reporting intended use in accordance with Annex VIII to the CLP Regulation

Isem il-kategorija	Selezzjonabbli	Kodiċi	Deskrizzjoni
Taħlitiet għal formulazzjoni ulterjuri	Y	F	Tinkludi taħlitiet ("taħlitiet oriġinali") maħsuba biex jiġu fformulati f'taħlitiet oħra permezz ta' formulaturi f'ambjenti industrijali, jiġifieri taħlitiet li ma għandhomx użu finali maħsub. Għal "taħlitiet finali" li għandhom użu finali maħsub (jiġifieri mhux għal formulazzjoni ulterjuri) dawn huma kategorizzati taħt "P - Prodotti".
Prodotti	N	P	Prodotti ("Taħlitiet finali") maħsuba għall-użu finali minn konsumaturi, utenti professjonali barra minn ambjent industrijali jew minn utenti industrijali biss. "Użu finali" tfisser l-użu ta' taħlita, bħala l-aħħar pass qabel it-tmiem tal-ħajja tat-taħlita, jiġifieri qabel it-taħlita (jew kull komponent tagħha) tiġi emessa lejn flussi ta' skart jew fl-ambjent, tiġi inkluża f'oġġett jew tiġi kkonsumata fi proċess b'reazzjoni matul l-użu (inkluż użu intermedju).
Prodotti kimiċi (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PC	Teskludi l-prodotti bijoċidali kollha.
Adeżivi u siġillanti	N	PC-ADH	Adeżiv huwa prodott li kapaċi jgħaqqad materjali flimkien billi jorbot l-uċuħ tagħhom (adeżjoni), fejn din ir-rabta għandha saħħa interna adegwata (koeżjoni). Siġillant huwa prodott adeżiv li jiġi applikat fil-ġonot sabiex jimla l-vojt, jissiġilla b'mod mekkaniku jew jipproteġi minn,

			pereżempju, l-arja u l-ilma.
Adeżivi u siġillanti - għall-użu domestiku, fl-uffiċċji jew fl-iskejjel	Y	PC-ADH-1	Prodotti għall-użu ġenerali fl-ambjent tad-dar, tal-iskola jew tal-uffiċċju. Tinkludi l-kolla għas-snajjja', kolla b'diversi użi u stiekek tal-kolla, kolla istantanja, kolla tal-injam, adeżivi ta' kuntatt, sprejs adeżivi...
Adeżivi u siġillanti - xogħlijiet ta' bini u kostruzzjoni (teskludi l-adeżivi b'bażi ta' siment)	Y	PC-ADH-2	Adeżivi u siġillanti (mili ta' spazji vojta) għal xogħlijiet ta' bini fuq il-post u mhux fuq il-post bħal xogħol ġdid, manutenzjoni u rinnovamenti eż. adeżivi għall-kisi ta' ħitan (inkluż karti tal-ħajt) u għall-art (inklużi twapet, PVS u linolju, parquet) kif ukoll għal xogħlijiet ta' inġinerija ċivili (pontijiet, awtostradi, sistemi ferrovjarji). Għal adeżivi b'bażi ta' siment, ara "Tajn tal-bini" fi "Prodotti tal-kostruzzjoni".
Adeżivi u siġillanti - xedd is-saqajn u oġġetti tal-ġilda	Y	PC-ADH-3	Prodotti adeżivi u siġillanti speċjalizzati għax-xedd is-saqajn u għall-oġġetti tal-ġilda, pereżempju għat-tqegħid ta' pettijiet ta' xedd is-saqajn/twaħħil ta' pettijiet ta' xedd is-saqajn, iffomar ta' xedd is-saqajn, twaħħil tal-materjal iebes u protettiv fuq quddiem u fuq wara ta' xedd is-saqajn, tiswija wara l-bejgħ, eċċ.
Adeżivi u siġillanti - proċessi relatati mal-karta u mal-kartun	Y	PC-ADH-4	Prodotti adeżivi u siġillanti speċjalizzati maħsuba għall-iproċessar tal-karta, tal-kartun u prodotti relatati bħal imballaġġaġ, tikkettar, laminazzjoni ta' karti mal-kartun, legatura, eċċ. Ma tinkludix adeżivi tal-karti primarjament għall-użu domestiku, ara "Adeżivi u siġillanti - użu domestiku, fl-uffiċċji jew fl-iskejjel".
Adeżivi u siġillanti - industrija tat-trasport	Y	PC-ADH-5	Prodotti li fihom adeżivi u siġillanti strutturali qawwijin ħafna, eż. għal vetturi bil-mutur u ferrovjarji, inġenji tal-ilma, inġenji tal-ajru u inġenji tal-ispazju.
Adeżivi u siġillanti - xogħol fuq l-injam u xogħol tal-mastrudaxxi (tinkludi l-istokk)	Y	PC-ADH-6	Prodotti adeżivi u siġillanti speċjalizzati għall-manifattura ta' armarji u ta' għamara, inkluż l-istokk. Ma tinkludix kolla tal-injam primarjament għall-użu domestiku, ara "Adeżivi

			u siġillanti - għall-użu domestiku, fl-uffiċċji jew fl-iskejjel”.
Adeżivi u siġillanti - proċessi tal-linji tal-assemblaġġ	Y	PC-ADH-7	Adeżivi u s-siġillanti li jintużaw fil-proċessi tal-linji tal-assemblaġġ pereżempju, fl-assemblaġġ ta’ komponenti elettroniċi, applikazzjonijiet mediċi, ġugarelli - teskludi kategoriji diġà koperti, eż. għal proċessi relatati mal-karta u mal-kartun.
Adeżivi u siġillanti b’komponenti multipli	Y	PC-ADH-8	Prodotti maħsuba biex jitħalltu għall-użu immedjat bħala adeżiv jew siġillant.
Adeżivi u siġillanti oħrajn	Y	PC-ADH-OTH	Adeżivi u siġillanti oħrajn mhux diġà koperti.
Prodotti għall-kura tal-arja	N	PC-AIR	Prodotti għall-kura tal-arja li jservu ta’ odorizzazzjoni jew ta’ deodorizzazzjoni ta’ kmamar fuq ġewwa (eż. fi djar, uffiċċji...) jew ta’ oġġetti speċifiċi (eż. żraben, karozzi, apparat domestiku...). Tinkludi inċens, xemgħat u sulfarini li jintużaw biex iqabdduhom. Teskludi l-prodotti bijoċidali.
Prodotti għall-kura tal-arja għal kmamar fuq ġewwa (azzjoni kontinwa)	Y	PC-AIR-1	Prodotti li jservu ta’ odorizzazzjoni jew deodorizzazzjoni kontinwa tal-arja ta’ ġewwa, inklużi prodotti diffużuri (teskludi l-inċens u xemgħa bir-riħa).
Prodotti għall-kura tal-arja għall-kmamar fuq ġewwa (azzjoni immedjata)	Y	PC-AIR-2	Prodotti li jservu ta’ odorizzazzjoni jew deodorizzazzjoni immedjata tal-ambjent tal-arja fuq ġewwa.
Prodotti għall-kura tal-arja għaż-żraben	Y	PC-AIR-3	
Prodotti għall-kura tal-arja għall-vetturi	Y	PC-AIR-4	
Deodoranti ambjentali (teskludi deodoranti għall-kmamar)	Y	PC-AIR-5	Tapplika għal ċerti prodotti fejn l-uniku użu maħsub huwa d-deodorizzazzjoni ta’ spazji magħluqa (eż. gwardarobbi, armarji...), apparat domestiku (eż. refriġeraturi, vacuum cleaners...) jew oġġetti (eż. laned taż-żibel...). Teskludi prodotti għad-deodorizzazzjoni f’PC-AIR, eż. għall-kmamar, għaż-żraben jew għall-vetturi. Ma tapplikax għal prodotti li jintużaw għad-deodorizzazzjoni ta’ tessuti jew ta’ twapet, ara “Preparazzjonijiet li jfewħu l-arja/deodoranti” jew ta’ twapet u tapizzerija, ara “Deodoranti jew preparazzjonijiet li jfewħu t-twapet/tapizzerija”.

Inċens	Y	PC-AIR-6	
Xemgħa - bir-riħa u mingħajr riħa	Y	PC-AIR-7	
Sulfarini	Y	PC-AIR-8	
Prodotti għall-kura tal-arja oħrajn	Y	PC-AIR-OTH	Prodotti għall-kura tal-arja u deodoranti ambjentali oħrajn mhux diġà koperti.
Ġugarelli għall-annimali	N	PC-ANI	Prodotti għall-kura tal-annimali inkluż addittivi fl-għalf (teskludi prodotti bijoċidali, mediċini veterinarji, għalf, għalf kompost, ikel għall-annimali domestiċi, u għalf medikat).
Addittivi u taħlitiet lesti minn qabel għall-għalf	Y	PC-ANI-1	Prodotti li jiġu miżjuda intenzjonalment mal-għalf jew mal-ilma sabiex iwettqu funzjoni partikolari. Teskludi prodotti tal-ikel u tal-għalf.
Xampu u kondizzjonaturi għall-annimali	Y	PC-ANI-2	Teskludi l-prodotti bijoċidali.
Prodotti oħra għall-annimali (teskludi prodotti bijoċidali)	Y	PC-ANI-OTH	
Materjali għall-arti (inklużi prodotti kimiċi li jintużaw għal skopijiet dekorattivi)	N	PC-ART	Tinkludi żebgħa u materjali oħrajn li jintużaw għall-arti u għas-snajja' għall-espressjoni artistika jew għal skopijiet dekorattivi, inklużi materjali awżiljarji. "Għall-adeżivi għall-arti u għas-snajja', ara 'Adeżivi u siġillanti - użu domestiku, fl-uffiċċji jew fl-iskejjel".
Żebgħa għall-artisti, għall-artiġjanat u għall-passatempi	Y	PC-ART-1	Żebgħa għall-espressjoni artistika u kreattiva u għall-kolorazzjoni/dekorazzjoni ta' oġġetti (teskludi "Żebgħa li tiġi applikata bis-swaba'" u żebgħa f'forma ta' sprej għall-graffiti/arti tat-triq - "Żebgħa u kisi tat-tip ajrusol").
Żebgħa li tiġi applikata bis-swaba'	Y	PC-ART-2	Żebgħa tal-logħob għat-tfal, li tiġi applikata direttament bis-swaba'.
Krejons, ġibs u pastelli	Y	PC-ART-3	Taħlitiet f'forma solida/kompressa għall-kolorazzjoni/tpinġija f'espressjoni kreattiva jew għal-logħob.
Materjali awżiljarji għall-artisti	Y	PC-ART-4	Materjali awżiljarji tal-artisti inklużi portaturi/veikoli (bħal żjut), solventi/tinners, aġenti għall-effetti speċjali, materjali koloranti, ġells li jinxfu malajr u dawk li jinxfu bil-mod, fissanti u verniċi.

Komposti għall-immudellar	Y	PC-ART-5	Materjal għall-immudellar/skultura kreattiva għall-adulti jew għat-tfal, bħat-tafal (ċeramika, sustanzi polimeriċi, eċċ.).
Prodotti kimiċi li jintużaw għal skopijiet dekorattivi	Y	PC-ART-6	Tinkludi prodotti kimiċi bħall-borra/frak tas-silġ/ġelu tas-silġ artifiċjali, għanqbut artifiċjali,
Materjali tal-arti oħrajn (inklużi prodotti kimiċi li jintużaw għal skopijiet dekorattivi)	Y	PC-ART-OTH	Materjali tal-arti u prodotti kimiċi oħrajn li jintużaw għal skopijiet dekorattivi mhux diġà koperti
Prodotti għat-tindif, għall-kura u għall-manutenzjoni (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PC-CLN	Għad-deterġenti, ara "Deterġenti u awżiljarji għall-ħasil tal-ħwejjeġ u tal-platti (teskludi l-prodotti bijoċidali)".
Prodotti għat-tindif li joborxu (azzjoni mekkanika)	Y	PC-CLN-1	Prodotti maħsuba għat-tindif tal-uċuħ permezz ta' azzjoni mekkanika inklużi pereżempju prodotti tat-tindif għal skopijiet multipli, prodotti tat-tindif għall-kċina, għat-tojlits jew għall-kmamar tal-banju.
Prodotti għat-tindif mhux abrażivi għal kull użu (jew għal skopijiet multipli) li jinkludu aġenti li jneħħu x-xaħam (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'subkategoriji oħra ta' prodotti tat-tindif)	Y	PC-CLN-2	Prodotti għat-tindif mhux abrażivi għal kull użu li jinkludu aġenti li jneħħu x-xaħam. Esklużi l-prodotti li jneħħu x-xaħam għaż-żoni tal-kċina, prodotti għat-tindif tal-art, prodotti li jnaddfu l-magna.
Prodotti għall-ibbliċjar għat-tindif jew għall-ħasil tal-ħwejjeġ (teskludi l-prodotti bijoċidali)	Y	PC-CLN-3	
Prodotti għat-tneħħija tal-ġebba	Y	PC-CLN-4	
Prodotti għat-tindif tas-sistema tad-drenaġġ	Y	PC-CLN-5	
Prodotti għat-tindif tal-fuklari u tar-reżina tad-duħħan	Y	PC-CLN-6	Tinkludi prodotti għall-kmamar tal-affumikar u għaċ-ċmieni.
Prodotti għat-tindif tal-ħġieġ/twieqi/mirja (teskludi l-windskrins)	Y	PC-CLN-7	Għall-prodotti għat-tindif tal-windskrins, ara "Prodotti għat-tindif tal-windskrins/tal-ilqugħ kontra r-riħ".
Prodotti għat-tindif/għall-tal-għamara ta' ġewwa (teskludi prodotti tal-ġilda u tapizzerija)	Y	PC-CLN-8	Prodotti għat-tindif u għall-kura ta' għamara ta' ġewwa tal-injam u ta' għamara oħra b'uċuħ iebesin. Inklużi prodotti tat-tindif ġenerali, sprejs kontra t-trab, lostri, kondizzjonaturi...
Prodotti għat-tindif għall-barra (teskludi l-ġebel, il-konkrit u wċuħ simili)	Y	PC-CLN-9	Prodotti għat-tindif u għall-kura pereżempju, għall-għamara tal-ġnien, terrazzi u gverti tal-injam, ċnut tal-injam... (teskludi l-prodotti bijoċidali). Għat-tindif tal-pavimenti ta' barra, passaġġi ta' barra ... ara "Prodotti tat-

			tindif heavy duty għall-uċuħ tal-ġebel u għal uċuħ simili”.
Prodotti għat-tindif għall-kċina u prodotti relatati (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PC-CLN10	Teskludi “Prodotti bijoċidali”, prodotti għat-tneħħija tal-ġebbla (ara “Prodotti għat-tneħħija tal-ġebbla”) u prodotti barraxa (ara “Prodotti tat-tindif li joborxu”).
Prodotti tat-tindif għall-kċejjen u ż-żoni tal-madwar	Y	PC-CLN-10.1	Prodotti inklużi prodotti tat-tindif li jistgħu jintużaw fuq uċuħ differenti, prodotti sgrassanti u prodotti għat-tindif tal-madum tal-kċina.
Prodotti għat-tindif tal-makkinarju u tat-tagħmir tal-kċina	Y	PC-CLN-10.2	Teskludi prodotti għat-tneħħija tal-ġebbla, ara ‘Prodotti għat-tneħħija tal-ġebbla’.
Prodotti għat-tindif/għall-kura tal-ħobb tat-tisjir	Y	PC-CLN-10.3	
Prodotti għat-tindif tal-forn, tal-grill jew tal-barbikju	Y	PC-CLN-10.4	
Prodotti oħra għat-tindif tal-kċina u prodotti oħra relatati	Y	PC-CLN-10.OTH	
Prodotti għat-tindif/għall-kura tal-kamra tal-banju u tat-tojlits (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PC-CLN-11	Teskludi “Prodotti bijoċidali”, prodotti għat-tneħħija tal-ġebbla (ara “Prodotti għat-tneħħija tal-ġebbla”) u prodotti barraxa (ara “Prodotti tat-tindif li joborxu”).
Prodotti għat-tindif tal-kamra tal-banju	Y	PC-CLN-11.1	Tinkludi prodotti tat-tindif li jistgħu jintużaw fuq uċuħ differenti u prodotti għat-tindif tal-madum tal-kamra tal-banju.
Prodotti għat-tindif tat-tojlits	Y	PC-CLN-11.2	Teskludi prodotti li jinħallu bil-mod u jservu għal diversi flaxxjaturi.
Prodotti għat-tojlits li jinħallu bil-mod u jservu għal diversi flaxxjaturi	Y	PC-CLN-11.3	Prodotti li jservu għal diversi flaxxjaturi li jitpoġġew fit-tank tal-flaxing jew mar-rimm tat-tojlit.
Prodotti għat-tindif/għall-kura tat-tojlits u tal-kamra tal-banju oħrajn (teskludi prodotti bijoċidali)	Y	PC-CLN-11.OTH	
Prodotti għat-tindif/għall-kura tal-ġebel, tal-madum u tal-grouting	N	PC-CLN-12	Teskludi prodotti bijoċidali kif ukoll dawk li jintużaw fil-kċina u fil-kamra tal-banju.
Prodotti għat-tindif/għall-kura tal-ġebel u tal-madum - użu regolari	Y	PC-CLN-12.1	Prodotti tat-tindif maħsuba biex jintużaw fuq bażi regolari għall-manutenzjoni ta’ wċuħ tal-ġebel u tal-madum inkluża l-art. Teskludi prodotti speċifikament għall-kċina, għat-tojlits u għall-kamra tal-banju.
Prodotti tat-tindif heavy duty għall-uċuħ tal-ġebel u għal uċuħ simili	Y	PC-CLN-12.2	Prodotti tat-tindif heavy duty għall-uċuħ tal-ġebel u għal uċuħ simili inklużi bankini ta’ barra, passaġġi, monumenti

			tal-ġebel fuq l-oqbra, ...
Prodotti għat-tindif tal-grouting	Y	PC-CLN-12.3	Prodott speċifikament maħsuba għat-tindif tal-grouting.
Prodotti għat-tindif/ġhall-kura tal-ġebel, tal-madum u tal-grouting oħrajn	Y	PC-CLN-12.OTH	Teskludi prodotti bijoċidali kif ukoll dawk li jintużaw fil-kċina u fil-kamra tal-banju.
Prodotti għat-tindif, ġhall-kura u ġhall-manutenzjoni tal-art (teskludi art tal-ġebel u tal-madum)	N	PC-CLN-13	Teskludi prodotti ġhall-art tal-ġebel u tal-madum - ara "Prodotti għat-tindif/ġhall-kura tal-ġebel, tal-madum u tal-grouting".
Prodotti għat-tindif tal-art	Y	PC-CLN-13.1	Prodotti ġhall-ħasil tal-art maħsuba biex jintużaw fuq bażi regolari ġhall-manutenzjoni tal-art, inklużi kapsuli b'doża unika. Teskludi l-art tal-ġebel u tal-madum, ara "Prodotti għat-tindif/ġhall-kura tal-ġebel, tal-madum u tal-grouting".
Prodotti ġhall-kura tal-art eż. lostri, emulsjonijiet	Y	PC-CLN-13.2	
Prodotti għat-tqaxxir tal-art	Y	PC-CLN-13.3	Teskludi prodotti għat-tqaxxir taż-żebgħa - ara "Prodotti għat-tneħħija taż-żebgħa, tanners u prodotti awżiljarji relatati".
Prodotti għat-tindif, ġhall-kura u ġhall-manutenzjoni tal-art oħrajn (eskluzja l-art tal-ġebel u tal-madum)	Y	PC-CLN-13.OTH	
Prodotti għat-tindif tat-twapet u tat-tapizzerija	N	PC-CLN-14	Tinkludi prodotti tat-tindif għat-twapet u għat-tapizzerija.
Prodotti għat-tindif tat-twapet/tapizzerija	Y	PC-CLN-14.1	
Deodoranti jew prodotti li jfewħu għat-twapet/tapizzerija	Y	PC-CLN-14.2	Teskludi prodotti li jintużaw biex ifewħu t-tessuti - ara "Deodoranti/prodotti li jfewħu t-tessuti".
Prodotti għat-twapet u għat-tapizzerija oħrajn	Y	PC-CLN-14.OTH	
Prodotti tat-tindif għal oġġetti personali speċifiċi	N	PC-CLN-15	
Prodotti tat-tindif għan-nuċċalijiet	Y	PC-CLN-15.1	Teskludi s-soluzzjonijiet għat-tindif tal-lenti tal-kuntatt.
Prodotti tat-tindif għal skrins ta' prodotti elettroniċi tad-dar	Y	PC-CLN-15.2	
Prodotti tat-tindif għal strument mużikali	Y	PC-CLN-15.3	
Prodotti għal-lostru tal-metalli/li jneħħu t-tbajja' minn fuq il-metall	Y	PC-CLN-15.4	Tinkludi prodotti tat-tindif ġhall-ġojjellerija, ġhall-oġġetti tal-fidda u għal metalli oħra bħar-ram isfar, ram...

Metal polish/tarnish remover	Y	PC-CLN-15.4	
Prodotti tat-tindif oħrajn għal oġġetti personali speċifiċi	Y	PC-CLN-15.OTH	
Prodotti għat-tindif u għall-kura tat-tessuti u tal-prodotti tal-ġilda (inklużi xedd is-saqajn)	N	PC-CLN-16	Prodotti għat-tindif u għall-kura tat-tessuti u tal-oġġetti tal-ġilda, inklużi xedd is-saqajn. Teskludi t-tapizzerija, ara "Prodotti għat-twapet u għat-tapizzerija", teskludi l-koloranti, ara "Koloranti" jew "Pigmenti".
Ġilda - prodotti għat-tindif u għall-kura	Y	PC-CLN-16.1	Prodotti maħsuba għat-tindif jew għall-ikkondizzjonar ta' oġġetti tal-ġilda bħal xedd is-saqjn, għamara u oġġetti oħra tal-ġilda sabiex tiġi ppreservata jew restawrata s-saħħa, id-dehra u l-flessibbiltà tagħhom (teskludi "Prodotti ta' Imprenjazzjoni").
Xedd is-saqjn tad-drapp - prodotti tat-tindif	Y	PC-CLN-16.2	Prodotti tat-tindif għal xedd is-saqajn tad-drapp (minbarra xedd is-saqjn tal-ġilda).
Sustanzi li jfewħu/deodoranti għat-tessuti	Y	PC-CLN-16.3	Teskludi l-prodotti għall-kura tal-arja għal xedd is-saqjn, ara "Prodotti għall-kura tal-arja għaż-żraben".
Prodotti tat-tindif għal tindif fix-xott u prodotti assoċjati	Y	PC-CLN-16.4	Prodotti maħsuba għat-tindif ta' tessuti fi proċessi ta' tindif mhux milwiema.
Prodotti ta' imprenjazzjoni għat-tessuti u għall-oġġetti tal-ġilda lesti	Y	PC-CLN-16.5	Prodotti maħsuba għall-impermeabilizzazzjoni jew bħala ripellent tal-ħmieġ għal tessuti u oġġetti tal-ġilda lesti. Ma tinkludix prodotti ta' imprenjazzjoni li jintużaw fl-ipproċessar industrijali ta' prodotti tessili jew tal-ġilda - ara "Prodotti għat-trattament tat-tessuti" jew "Prodotti għat-trattament tal-ġilda".
Tessuti li jintużaw fuq barra - prodotti tat-tindif	Y	PC-CLN-16.6	Prodotti maħsuba għat-tindif ta' purtieri tat-tinda, tined, tarpolini, qluġħ...
Prodotti għat-tindif u għall-kura ta' prodotti tessili u tal-ġilda oħrajn (inklużi xedd is-saqajn)	Y	PC-CLN-16.OTH	Teskludi l-koloranti, ara "Koloranti".
Prodotti għat-tindif u għall-kura tal-vetturi (kull tip ta' vettura)	N	PC-CLN-17	
Prodotti tat-tindif għall-barra - kull tip ta' vettura	Y	PC-CLN-17.1	Inklużi x-xampujiet għall-karozzi u prodotti oħra maħsuba biex ineħħu l-ħmieġ, il-griż, l-insetti u l-qatran mill-parti ta' barra tal-karozzi.

Prodotti tal-kura għall-parti ta' barra - kull tip ta' vettura	Y	PC-CLN-17.2	Tinkludi verniċi, lostri, u taħlitiet tax-xama'...
Prodotti għat-tindif u għall-kura tal-parti ta' ġewwa tal-vetturi (teskludi prodotti għall-kura tal-arja, u prodotti għat-tapizzerija jew għall-ġilda)	Y	PC-CLN-17.3	Prodotti tat-tindif u tal-kura li jintużaw għat-tindif tal-uċuħ interni tal-vetturi, eż. lasktu, vinil, plastik. Għal tapizzerija tal-ġilda ara "Ġilda - prodotti għat-tindif u għall-kura". Għal prodotti għat-tindif tat-tapizzerija tad-drapp u tapizzerija tessili, ara "Prodotti għat-tindif tat-twapet/tapizzerija".
Prodotti għat-tindif tal-magni	Y	PC-CLN-17.4	
Prodotti għat-tindif tal-brejkiġiet	Y	PC-CLN-17.5	
Prodotti għat-tindif tal-kromu, tar-ram u ta' metalli oħra - kull tip ta' vettura	Y	PC-CLN-17.6	
Prodotti għat-tindif tal-windskrin/tal-ilqugħ kontra r-riħ	Y	PC-CLN-17.7	Prodotti maħsuba għall-ħasil tal-windskrin/tal-ilqugħ kontra r-riħ tal-vetturi permezz ta' applikazzjoni diretta.
Fluwidu tal-ħasil tal-windskrin/tal-ilqugħ kontra r-riħ	Y	PC-CLN-17.8	Prodott li jiġi miżjud fil-vetturi għat-tindif tal-windskrin permezz tal-wajpers tal-windskrin.
Prodotti għall-kura tat-tajers (esklużi x-xampujiet u l-aġenti tat-tindif tal-vetturi)	Y	PC-CLN-17.9	Inklużi l-isprej, il-lostru, ir-restawraturi tat-tajers
Prodotti oħrajn għat-tindif u għall-kura tal-vetturi (kull tip ta' vettura)	Y	PC-CLN-17.OTH	
Prodotti oħrajn għat-tindif, għall-kura u għall-manutenzjoni (teskludi l-prodotti bijoċidali)	Y	PC-CLN-OTH	
Koloranti	N	PC-COL	Tinkludi prodotti ta' użu finali maħsuba biex jagħtu l-kulur eż. lit-tessuti, lill-ġilda. Għall-koloranti bl-ebda użu finali eż. materja prima, ara "F - Taħlitiet għal formulazzjoni ulterjuri".
Koloranti	Y	PC-COL-1	Koloranti solubbli.
Pigmenti	Y	PC-COL-2	Koloranti insolubbli.
Prodotti tal-kostruzzjoni	N	PC-CON	Prodotti tal-kostruzzjoni jinkludu prodotti biex jiġu inkorporati f'xogħlijiet ta' kostruzzjoni (xogħlijiet ta' bini jew ta' inġinerija) jew partijiet minnhom (minbarra prodotti bijoċidali).

Siment	Y	PC-CON-1	Is-siment huwa legant idrawliku, jiġifieri materjal inorganiku mitħun fin li, meta jitħallat mal-ilma, jifforma pejst li jagħqad u jibbies permezz ta' reazzjonijiet u proċessi ta' idratazzjoni u wara dan, iżomm is-saħħa u l-istabbiltà tiegħu anki taħt l-ilma.
Konkrit	Y	PC-CON-2	Il-konkrit huwa prodott li jiġi magħmul bit-taħlit tas-siment, aggregat oħxon/fin u l-ilma (bi jew mingħajr l-inkorporazzjoni ta' taħlitiet u addizzjonijiet) li jiżviluppa l-karatteristiċi tiegħu permezz tal-idratazzjoni tas-siment.
Ġibsum	Y	PC-CON-3	Il-prodotti tal-ġibsum huma primarjament ibbażati fuq is-sulfat tal-kalċju u jinkludu kisi tal-ġibsum, kisi tal-pavimenti u fillers.
Tajn tal-bini	Y	PC-CON-4	It-tajn tal-bini huwa terminu ġeneriku li jinkludi tajn għall-bini u tajn għat-tiswija, materjal tal-kisi u kisi tal-ġibs, kisi għall-pavimenti u adeżivi b'bażi ta' siment (għal adeżivi oħra mhux b'bażi ta' siment, ara "Adeżivi u siġillanti - xogħlijiet ta' bini u ta' kostruzzjoni").
Prodotti kimiċi tal-kostruzzjoni	Y	PC-CON-5	Is-sustanzi kimiċi tal-kostruzzjoni jinkludu prodotti li jiġu miżjuda ma' jew fuq il-materjali tal-kostruzzjoni fis-sit tal-kostruzzjoni: biex ikunu jistgħu jinħadmu aħjar jew biex titjeb il-prestazzjoni tagħhom, eż. taħlitiet u addittivi (polikarbossilati, rażi tal-polikondensat, etilċellulożi, siloxani, bijopolimeri...) għall-konkrit u għat-tajn tal-bini, għal funzjonalità speċjali eż. sistemi ta' tajn minerali modifikati (tajn għat-tiswija, kisi tal-ġibs, prodotti li jissiġillaw u li jgħaqqdu, eż. dispersjonijiet tal-polimeri, reżini epossidiċi, poliuretani...); għall-protezzjoni tal-materjali tal-kostruzzjoni jew tal-istruttura lesta magħmula minnhom eż. aġenti li jwaqqfu l-konkrit milli jeħel waqt li jkun qed jibbies, aġenti idrofobiċi, reżini reattivi, membrani likwidi applikati għal impermeabilizzazzjoni tal-ilma, emulsjonijiet modifikati b'bażi ta' bitum għall-impermeabilizzazzjoni tal-ilma.
Prodotti tal-kostruzzjoni oħrajn	Y	PC-CON-OTH	

Deterġenti u awżiljarji għall-ħasil tal-ħwejjeġ u għall-ħasil tal-platti (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PC-DET	Prodotti li fihom is-sapun u/jew aġenti tensjoattivi oħra maħsuba għal proċessi ta' ħasil u ta' tindif. Id-deterġenti jistgħu jkunu fi kwalunkwe għamla (likwida, trab, pejst, bars, kejk, biċċa fformata, eċċ.) u jiġu kumerċjalizzati jew jintużaw għal skopijiet domestiċi, professjonali jew industrijali).
Deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ	N	PC-DET-1	Din il-kategorija tkopri prodotti għall-ħasil u għall-ikkundizzjonar tal-ħwejjeġ f'magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ domestiċi (inkluż f'laundrettes u f'laundries komuni) u f'magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ industrijali.
Deterġent għall-ħasil tal-ħwejjeġ bl-idejn	Y	PC-DET-1.1	Prodott deterġent li għandu jintuża speċifikament għall-ħasil tal-ħwejjeġ bl-idejn.
Deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ - użu domestiku	Y	PC-DET-1.2	Tinkludi kapsuli b'doża unika.
Deterġenti għall-ħasil tal-ħwejjeġ - użu professjonali jew industrijali	Y	PC-DET-1.3	Tinkludi kapsuli b'doża unika.
Deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ oħrajn	Y	PC-DET-1.OTH	
Prodotti awżiljarji għall-ħasil u għall-kura tal-ħwejjeġ (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PC-DET-2	Teskludi l-bliċ għall-ħwejjeġ, ara "Prodotti għall-ibbliċjar li jintużaw għat-tindif jew għall-ħasil tal-ħwejjeġ (teskludi l-prodotti bijoċidali)"; teskludi l-prodotti li jfexxu t-tessuti, ara "Sustanzi li jfexxu/deodoranti għat-tessuti".
Boosters tad-deterġenti u prodotti għat-tneħħija tat-tbajja' waqt il-ħasil	Y	PC-DET-2.1	Prodotti li jintużaw waqt il-ħasil tal-ħwejjeġ biex itejbu l-kwalità tat-tindif tal-proċess tal-ħasil tal-ħwejjeġ jew għat-tneħħija tat-tbajja mit-tessuti.
Prodotti li jtrattbu d-drapp	Y	PC-DET-2.2	Prodotti maħsuba biex ibiddlu kif jinħassu d-drappijiet fi proċessi li għandhom jikkumplimentaw il-ħasil tat-tessuti.
Prodotti ta' għajnuna għall-mogħdija tal-ħwejjeġ	Y	PC-DET-2.3	
Lamtu għall-ħwejjeġ	Y	PC-DET-2.4	
Aġenti ta' pretrattament li jneħħu t-tbajja'	Y	PC-DET-2.5	Prodotti maħsuba biex jitrattaw it-tbajja' qabel il-proċess tal-ħasil.
Aġenti tat-tlaħliħ tal-ħwejjeġ (teskludi l-prodotti bijoċidali)	Y	PC-DET-2.6	
Aġenti għall-kura tal-magni tal-ħasil tal-ħwejjeġ	Y	PC-DET-2.7	Ma tapplikax għal prodotti li jintużaw biss għad-deodorizzazzjoni, ara "Deodoranti għall-ambjent".

Aġenti bjankaturi jew brillaturi ottiċi	Y	PC-DET-2.8	Aġenti bjankaturi jew brillaturi ottiċi huma aġenti bjankaturi fluworexxenti li jirriflettu r-raġġi ultravjola tax-xemx bħala dawl abjad u viżibbli, li jagħtu lill-ħwejjeġ d-dehra ta' bjuda.
Prodotti awżiljarji oħra għall-ħasil u għall-kura tal-ħwejjeġ (teskludi l-prodotti bijoċidali)	Y	PC-DET-2.OTH	
Deterġenti għall-ħasil tal-platti	N	PC-DET-3	Tinkludi dożi uniċi.
Deterġenti għall-ħasil tal-platti awtomatiku - użu domestiku	Y	PC-DET-3.1	
Deterġenti għall-ħasil tal-platti awtomatiku - użu professjonali jew industrijali	Y	PC-DET-3.2	Prodotti primarjament għall-użu pereżempju f'ristoranti professjonali, f'ambjenti istituzzjonali...
Deterġenti għall-ħasil tal-platti bl-idejn	Y	PC-DET-3.3	Deterġenti maħsuba biex jintużaw għall-ħasil tal-platti bl-idejn.
Deterġenti għall-ħasil tal-platti oħrajn	Y	PC-DET-3.OTH	
Prodotti awżiljarji għall-ħasil u għall-kura tal-platti	N	PC-DET-4	
Melħ għall-magni tal-ħasil tal-platti	Y	PC-DET-4.1	
Aġenti għall-kura tal-magni tal-ħasil tal-platti	Y	PC-DET-4.2	Tinkludi prodotti kontra l-korrużjoni. Ma tapplikax għal prodotti li huma maħsuba biss bħala deodoranti, ara "Deodoranti għall-ambjent".
Prodotti għall-protezzjoni tal-ħġieġ	Y	PC-DET-4.3	
Aġenti tat-tlaħliħ għall-platti	Y	PC-DET-4.4	Prodotti maħsuba biex itejbu t-tlaħliħ u jevitaw il-formazzjoni ta' tbajja' tal-ilma fuq il-platti.
Prodotti awżiljarji oħra għall-ħasil u għall-kura tal-platti	Y	PC-DET-4.OTH	
Likwidi u taħlitiet elettroniċi għas-sigaretti elettroniċi	N	PC-ELQ	
Likwidi elettroniċi għas-sigaretti elettroniċi	Y	PC-ELQ-1	Il-likwidi elettroniċi għas-sigaretti elettroniċi huma taħlitiet, li jiġu fornuti lill-utent finali bħala prodotti lesti għall-użu għall-vaping.
Taħlitiet għal-likwidi elettroniċi	Y	PC-ELQ-2	It-taħlitiet għal-likwidi elettroniċi jiġu fornuti bħala parti mill-hekk imsejħa kits ta' awtotahlit, fejn l-utent huwa responsabbli biex iħejji l-likwidu elektroniku finali abbażi tal-istruzzjonijiet speċifiċi tal-fornitur. Dawn it-taħlitiet

			mhumieq maħsuba għall-użu f'sigarette elettroniki bħala tali.
Fertilizzanti u prodotti fertilizzanti	N	PC-FER	Prodotti applikati jew maħsuba biex jiġu applikati, kemm jekk waħedhom jew imħalltin ma' materjal ieħor, fuq pjanti jew fuq ir-riżosfera tagħhom sabiex jipprovdu nutrijenti lill-pjanti jew itejbu l-effiċjenza nutrittiva tagħhom. Teskludi "Prodotti li jnaqqsu l-kontaminazzjoni fil-ħamrija" li jintużaw għal żoni kontaminati.
Fertilizzanti	Y	PC-FER-1	Prodotti bl-għan primarju li jipprovdu nutrijenti lill-pjanti. Tinkludi fertilizzanti mħalltin, pereżempju, ma' inibituri jew aġenti kelanti.
Materjal għat-trattament bil-ġir	Y	PC-FER-2	Prodotti maħsuba biex jikkoreġu l-aċidità tal-ħamrija, u li jkun fihom ossidi, idrossidi, karbonati jew silikati tan-nutrijenti kalċju (Ca) jew manjeżju (Mg).
Sustanzi li jtejbju l-ħamrija	Y	PC-FER-3	Prodotti maħsuba biex jiġu miżjuda mal-ħamrija bil-għan li jżommu, itejbu jew jipproteġu l-karatteristiċi fiżiċi jew kimiċi, l-istruttura jew l-attività bijoloġika tal-ħamrija.
Materjal għat-tekabbir	Y	PC-FER-4	Materjal għat-tekabbir għandu jkun materjal appartni l-ħamrija maħsub biex jintuża bħala sottostrat għall-iżvilupp tal-għeruq.
Addittivi agronomiċi	Y	PC-FER-5	Prodotti maħsuba biex jiġu miżjuda ma' prodott biex jipprovdu nutrijenti lill-pjanti, bl-intenzjoni li jtejbju x-xejriet ta' rilaxx tan-nutrijenti ta' dawk il-prodotti.
Bijostimulant tal-pjanti	Y	PC-FER-6	Prodotti li jstimulaw il-proċessi ta' nutrizzjoni tal-pjanti indipendentement mill-kontenut nutrittiv tal-prodott, bl-għan uniku li jtejbju waħda jew aktar karatteristiċi tal-pjanti minn dawn li ġejjin: (a) effiċjenza fl-użu tan-nutrijenti; (b) tolleranza għall-istress abijotiku (c) jew (c) karatteristiċi kwalitattivi tal-għalla.
Taħlita ta' fertilizzanti u prodotti fertilizzanti	Y	PC-FER-7	Tinkludi prodott li fihom kombinazzjoni ta' fertilizzanti u kategoriji ta' prodott fertilizzanti. Ma tapplikax għall-prodotti li l-għan primarju tagħhom huwa li jipprovdu nutrizzjoni, ara "Fertilizzanti".

Fjuwils (u addittivi tal-fjuwil)	N	PC-FUE	Tinkludi fjuwils għall-vetturi u għall-magni, żjut tal-lampi (eż. għal lampi tat-tiżjin), fluwidi fjamabbli għall-grills u fjuwils tal-lampi għal apparat portabbli (eż. għat-tisjir fil-beraħ).
Fjuwils għall-vetturi u għall-magni	Y	PC-FUE-1	
Żjut tal-lampi	Y	PC-FUE-2	Tinkludi żjut tal-lampi bir-riħa u mingħajr riħa.
Fluwidi fjamabbli għall-grills	Y	PC-FUE-3	Fluwidi fjamabbli eż. għall-grills tal-faħam tal-kannol.
Fjuwils għall-kampijiet	Y	PC-FUE-4	Fjuwils għall-apparat tat-tiħin, tat-tisjir u tat-tidwil portabbli, eż. fran u fanali tal-kampeġġ (teskludi ż-żjut tal-lampi).
Addittivi tal-fjuwil u komponenti tal-fjuwil	Y	PC-FUE-5	Prodotti li jiżdiedu mal-fjuwils biex jagħtu jew biex jintensifikaw il-karatteristiċi mixtieqa jew biex irażżnu karatteristiċi mhux mixtieqa. Teskludi fluwidi għat-trasferiment tas-sħana, ara 'Fluwidi għat-trasferiment tas-sħana'.
Fjuwils oħrajn	Y	PC-FUE-OTH	
Linka, toners u materjali tal-istampar relatati	N	PC-INK	Teskludi l-linka tat-tatwaġġi, ara "Linka tat-tatwaġġi".
Linka għall-kitba u għat-tpinġija	Y	PC-INK-1	Linka li tintuża għall-kitba jew għat-tpinġija bl-idejn, eż. b'pinna, b'pinzell eċċ. Tinkludi l-linka li tintuża fil-kuxxinetti tat-timbri.
Linka u toners għall-printers tad-dar u tal-uffiċċji	Y	PC-INK-2	Linka u toners li jintużaw għall-istampar fid-dar u fl-uffiċċji.
Linka u toners għall-istampar kummerċjali, u prodotti għall-finitura relatati	Y	PC-INK-3	Prodotti għal proċessi ta' stampar industrijali jew professjonali (flessografija, litografija, stampar fuq l-iskrin, eċċ.).
Prodotti kimiċi li jintużaw fl-istamperiji	Y	PC-INK-4	Prodotti kimiċi li jintużaw fl-istamperiji minbarra linka, bħal soluzzjonijiet funtana li jintużaw biex ixarrbu l-pjanċi litografiċi, prodotti għat-tindif tal-kutri tal-istampar eċċ.
Fluwidi ta' korrezzjoni	Y	PC-INK-5	Fluwidi li jintużaw biex jgħattu linka permanenti sabiex ikunu jistgħu jsiru korrezzjonijiet.
Linka, toners u materjali tal-istampar relatati oħra	Y	PC-INK-OTH	Linka, toners u materjali tal-istampar relatati oħra mhux diġà koperti.

Apparat mediku	N	PC-MED	Apparat mediku kif definit fir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar apparati mediċi.
Apparat mediku għat-tindif jew għad-diżinfettar	Y	PC-MED-1	Prodotti li jintużaw għat-tindif, għad-diżinfettar jew għall-sterilizzar ta' apparat mediku (minbarra prodotti bijoċidali jew tat-tindif).
Apparat mediku ieħor	Y	PC-MED-OTH	Apparat mediku ieħor.
Żebgħa u kisi (u awżiljarji relatati)	N	PC-PNT	Prodotti f'forma likwida, pejst jew trab li, meta applikati fuq sottostrat, jiffurmaw kiswa niexfa (ċara jew opaka) b'karatteristiċi protettivi, dekorattivi u/ jew tekniċi speċifiċi oħrajn. Teskludi prodotti kimiċi li jintużaw għall-priming jew għall-protezzjoni ta' materjali tal-kostruzzjoni, ara "Prodotti kimiċi tal-kostruzzjoni".
Żebgħa u kisi fil-forma ta' ajrusol	Y	PC-PNT-1	Żebgħa u kisi fornuti f'bottijiet tal-ajrusol lesti biex jintużaw biex jiġu applikati bħala sprej.
Żebgħa/kisi - Dekorattivi	Y	PC-PNT-2	Żebgħa u kisi (inklużi prodotti tat-tilwin għal sistemi ta' taħlit tat-tip deco) għall-użu arkitettoniku dekorattiv eż. ta' ħitan interni u esterni u ta' oġġetti li jagħmlu parti mill-bini. Tinkludi verniċi u likwidi li jlewnu l-injam.
Żebgħa/kisi - Protettivi u funzjonali	Y	PC-PNT-3	Kisjiet protettivi li huma karatterizzati bħala "żebgħa" (eż. kontra l-korrużjoni, ritardanti tan-nar, eċċ.) u żebgħa għal skopijiet funzjonali speċifiċi (eż. kisi ta' tankijiet/pajpijiet, marki tat-triq, kisi li ma jippermettix liż-żebgħa tal-graffiti teħel mal-wiċċ eċċ.). Teskludi prodotti kimiċi li jintużaw għall-priming jew għall-protezzjoni ta' materjali tal-kostruzzjoni - ara "Sustanzi kimiċi tal-kostruzzjoni".
Kisi għall-bastimenti tal-baħar (teskludi prodotti kontra l-ħaxix u l-organiżmi tal-baħar)	Y	PC-PNT-4	Kisi għall-protezzjoni/finitura tal-opri tal-baħar kollha. Teskludi prodotti kontra l-prodotti kontra l-ħaxix u l-organiżmi tal-baħar, ara "Prodotti kontra l-ħaxix u l-organiżmi tal-baħar".
Kisi għall-karozzi u għall-inġenji ajruspazjali	Y	PC-PNT-5	Kisi għall-vetturi u għall-inġenji tal-ajru (jew il-partijiet tagħhom). Tinkludi OEM (fabbrikant tat-tagħmir oriġinali) jiġifieri kisi, żebgħa, hardeners u riduċenti applikati fil-fabbrika għat-tiswija u għall-irifinar, eċċ.

Kisjiet applikati fil-fabbrika (teskludi l-kategoriji diġà koperti)	Y	PC-PNT-6	Kisjiet applikati fl-ambjent tal-produzzjoni eż. għal apparat tal-elettriku u oġġetti oħra tal-metall, għamara, ippakkjar tal-metall eċċ. Teskludi l-kategoriji diġà koperti għal "Żebgħa u kisi (u awżiljarji relatati)".
Prodotti li jneħħu ż-żebgħa, li jrattbu ż-żebgħa u awżiljarji relatati	Y	PC-PNT-7	Prodotti kimiċi għat-tneħħija/għad-dilwizzjoni taż-żebgħa, prodotti li jgħinu fl-ixkatlar, fit-tindif ta' pniezel eċċ.
Żebgħa li timmarka l-grawnd	Y	PC-PNT-8	Inklużi l-prodotti li jimmarkaw "żebgħa" għal-lonijiet jew għal uċuħ oħra pereżempju għall-grawnds tal-isport.
Żebgħa u materjali oħrajn li jintużaw għall-kisi	Y	PC-PNT-OTH	Żebgħa u materjali oħrajn li jintużaw għall-kisi mhux diġà koperti.
Prodotti pirotekniċi	Y	PC-PYR	Prodotti maħsuba biex jipproduċu effett bis-sħana, bid-dawl, bil-ħoss, bil-gass jew bid-duħħan jew kombinazzjoni ta' dawn bħala riżultat ta' reazzjonijiet kimiċi eżotermiċi awtosostnuti u mingħajr splużjoni.
Linka tat-tatwaġġi	Y	PC-TAT	Tinkludi linka tat-tatwaġġi permanenti għal skopijiet artistiki jew oħrajn.
Prodotti għal proċessi kimiċi jew tekniċi	N	PC-TEC	Din il-kategorija tinkludi biss prodotti ta' użu finali. Ma tapplikax għal prodotti li ma għandhomx użu finali, eż. materja prima, ara "F - Taħlitiet għal formulazzjoni ulterjuri".
Adsorbenti	Y	PC-TEC-1	Prodotti adsorbenti li jintużaw f'diversi setturi industrijali għal firxa ta' applikazzjonijiet.
Prodotti kontra l-iffriżar u dawk li jħollu s-silġ	Y	PC-TEC-2	Il-prodotti kontra l-iffriżar huma maħsuba biex inaqqsu t-temperatura tal-iffriżar tal-uċuħ. Il-prodotti li jħollu s-silġ inaqqsu t-temperatura tal-iffriżar tal-uċuħ bil-għan li jitneħħa s-silġ, pereżempju fuq it-twieqi, il-ħġieġ, is-serraturi.
Dessikanti	Y	PC-TEC-3	Prodotti li jintużaw primarjament biex jassorbu l-indewwa. Tinkludi s-silika ġell.
Elettroliti għall-batteriji	Y	PC-TEC-4	Taħlitiet (likwidi jew pejsts) maħsuba biex iservu bħala elettroliti fil-batteriji.
Apparat tat-tifi tan-nar	Y	PC-TEC-5	Prodotti li fihom sustanzi kimiċi għat-tifi tan-nar (eż. fowm) biex jgħinu fil-kontroll ta' nirien żgħar.

Fwejjaħ	Y	PC-TEC-6	Tinkludi taħlitiet ta' fwejjaħ għall-użu finali biss.
Fluwidi għat-trasferiment tas-sħana	Y	PC-TEC-7	
Fluwidi idrawliċi, inklużi fluwidi tal-brejkijiet u tat-trażmissjoni	Y	PC-TEC-8	
Sustanzi intermedji	Y	PC-TEC-9	Sustanza li tiġi manifatturata għal u kkonsmata fi jew użata għall-ipproċessar kimiku sabiex tiġi trasformata f'sustanza oħra (REACH, l-Artikolu 3(15)).
Prodotti għat-trattament ta' oġġetti tal-ġilda (teskludi żebgħa u pigmenti)	Y	PC-TEC-10	Prodotti li jintużaw għall-ipproċessar industrijali upstream ta' oġġetti tal-ġilda, inklużi prodotti ta' imprenjazzjoni rilevanti. Għal żebgħa u pigmenti, ara "Koloranti". Għal prodotti oħra ta' imprenjazzjoni għal oġġetti tal-ġilda lesti, ara "Prodotti ta' impregnazzjoni għat-tessuti u għall-oġġetti tal-ġilda lesti".
Lubrikanti, griż, prodotti ta' rilaxx	Y	PC-TEC-11	
Prodotti għat-trattament ta' superfiċje tal-metall	Y	PC-TEC-12	Din tkopri prodotti li fihom sustanzi li jeħlu b'mod permanenti mas-superfiċje tal-metall. Tinkludi eż.prodotti galvanici u dawk ta' elettrodepożizzjoni.
Fluwidi għax-xogħol tal-metall	Y	PC-TEC-13	
Prodotti għat-trattament tal-karta u tal-bords	Y	PC-TEC-14	Din il-kategorija tinkludi eż. bliċ, prodotti ta' rfinatura, prodotti ta' imprenjazzjoni u għajnuniet oħrajn għall-ipproċessar. Għal koloranti, ara "Koloranti".
Fotokimiċi	Y	PC-TEC-15	Prodotti għall-ipproċessar kimiku ta' materjali fotosensittivi.
Preparazzjonijiet u komposti ta' polimeru	Y	PC-TEC-16	
Għajnuniet għall-ipproċessar	Y	PC-TEC-17	Din il-kategorija tkopri għajnuniet għall-ipproċessar li jintużaw f'diversi setturi tal-industrija (sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fis-sottokategoriji tal-"PC-TEC", eż. prodotti għat-trattament tal-karta u tal-kartun, prodotti għat-trattament ta' oġġetti tal-ġilda...). Prodotti jinkludu regolaturi tal-pH, flokkulanti, preċipitanti, aġenti ta' newtralizzazzjoni, katalizzaturi, emulsifikanti, solubilizzaturi, aġenti ta' dispersjoni...

Prodotti li jintużaw fi proċessi ta' estrazzjoni minerarja, jew fi proċessi ta' esplorazzjoni għaż-żejt jew għall-gass	Y	PC-TEC-18	Teskludi l-prodotti tal-produzzjoni, jiġifieri l-materja prima.
Reaġenti u prodotti kimiċi tal-laboratorju	Y	PC-TEC-19	Reaġenti u prodotti kimiċi tal-laboratorju jinkludu prodotti ta' purità suffiċjenti għall-użu, pereżempju, f'analiżi kimiċi, reazzjonijiet kimiċi.
Prodotti li jnaqqsu l-kontaminazzjoni fil-ħamrija	Y	PC-TEC-20	Prodotti pereżempju biex inaqqsu l-kontaminazzjoni f'ħamrija kkontaminata. Teskludi "Fertilizzanti jew prodotti fertilizzanti".
Solventi u aġenti tal-estrazzjoni	Y	PC-TEC-21	
Taħlitiet surfattanti għal applikazzjonijiet industrijali	Y	PC-TEC-22	
Prodotti għat-trattament tat-tessuti u tal-ġilda inklużi l-awżiljarji (esklużi ż-żebgħa u l-pigmenti)	Y	PC-TEC-23	Prodotti li jintużaw għall-ipproċessar industrijali upstream tat-tessuti u tal-ġilda, inkluż il-mili u prodotti awżiljarji oħra. Għal żebgħa u pigmenti, ara "Koloranti". Għal prodotti ta' mili għal tessuti lesti, ara "Prodotti ta' mili għal tessuti u oġġetti tal-ġilda lesti".
Prodotti għall-iwweldjar, issaldjar u fflussjar	Y	PC-TEC-24	Teskludi "Prodotti għat-trattament ta' wċuħ tal-metall" u "Fluwidi li jintużaw biex iberrdu u/jew jillubrikaw partijiet ta' magna magħmula mill-metall".
Liġi	Y	PC-TEC-25	
Prodotti għall-iffurmar, għall-funditura, fowms riġidi u flessibbli, inkluż taħlitiet ta' reżini (minbarra adeżivi, prodotti tal-kostruzzjoni, żebgħa u kisjiet)	Y	PC-TEC-26	
Prodotti għall-polimerizzazzjoni ta' reżini u fowms (inkluż aġenti katalitiċi solidifikanti, aġenti li jwebbsu, aġenti ta' retikolazzjoni)	Y	PC-TEC-27	
Prodotti tal-gass għal użi multipli maħsuba	Y	PC-TEC-28	Prodotti tal-gass għall-użu aħħari biss. Inklużi l-prodotti tal-arja kkompressata li jintużaw għat-tneħħija tat-trab pereżempju minn tagħmir elettroniku, kameras, tastieri...
Prodotti għat-trattament tal-ħġieġ/twieqi (esklużi l-prodotti għat-tindif)	Y	PC-TEC-29	Inklużi pereżempju defoggers, ripellenti tal-ilma. Esklużi l-prodotti li jintużaw għat-tindif.
Prodotti għall-kura u l-manutenzjoni ta' pjanti (bl-esklużjoni ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti,	Y	PC-TEC-30	Inklużu pereżempju wound sealants, leaf shine (Esklużi l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew fertilizzanti)

prodotti fertilizzanti)			
Prodotti għat-trattament ta' wċuħ tal-metall (Esklużi l-primituri għal materjali tal-kostruzzjoni, żebgħa jew kisi funzjonali, u prodott li jeħlu b'mod permanenti mal-wiċċ tal-metall.)	Y	PC-TEC-31	Prodotti li jintużaw għat-trattament upstream ta' wċuħ tal-metall biex jitneħħew il-ħmieġ, l-ossidi u s-sadid biex tiġi ffavorita l-passivazzjoni tal-wiċċ tal-metall. Esklużi l-primituri għal materjali tal-kostruzzjoni, żebgħa u kisi għal skopijiet funzjonali speċifiċi pereżempju kontra l-korrużjoni, u prodotti li jeħlu b'mod permanenti mal-wiċċ tal-metall.
Prodotti oħra għal proċessi kimiċi jew tekniċi	Y	PC-TEC-OTH	Prodotti oħra għal proċessi kimiċi jew tekniċi mhux diġà koperti.
Prodotti kimiċi — mhux kategorizzati	Y	PC-UNC	Prodotti kimiċi fejn ma teżisti l-ebda kategorija ta' użu maħsub xierqa fis-sistema fit-tielet livell.
Bijoċidali u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti	N	PP	
Prodotti bijoċidali	N	PP-BIO	Tipi ta' prodotti bijoċidali kif imsemmi fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 dwar il-Prodotti Bijoċidali.
Prodotti bijoċidali għall-iġjene tal-bniedem	Y	PP-BIO-1	PT1 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-finijiet ta' iġjene tal-bniedem, applikati fuq il-ġilda jew f'kuntatt magħha jew inkella fuq il-ġilda tar-ras tal-bniedem bil-għan prinċipali li jiddiżinfettaw il-ġilda jew il-ġilda tar-ras.
Diżinfettanti u algaċidi li mhumiex maħsuba biex jiġu applikati direttament fuq il-bnedmin jew l-annimali	Y	PP-BIO-2	PT2 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għad-diżinfazzjoni ta' wċuħ, materjali, tagħmir u għamara li ma jintużawx għal kuntatt dirett mal-ikel jew mal-għalf. Postijiet fejn jintużaw jinkludu, fost oħrajn, pixxini, akkwarji, ilma fejn isir l-għawm u ilmijiet oħra; sistemi ta' arja kondizzjonata; ħitan u artijiet f'żoni privati, pubbliċi u industrijali u f'żoni oħra għal attivitajiet professjonali.
Prodotti bijoċidali għall-iġjene veterinarja	Y	PP-BIO-3	PT3 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-iġjene veterinarja bħal diżinfettanti, sapun diżinfettant, prodotti tal-iġjene tal-ħalq jew tal-ġisem jew b'funzjoni antimikrobika.
Prodotti bijoċidali għal żoni fejn ikun hemm l-ikel u l-għalf	Y	PP-BIO-4	PT4 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għad-diżinfazzjoni ta' tagħmir, kontenituri, oġġetti tat-tisjir, superfiċji jew pajpijiet assoċjati mal-produzzjoni, mat-trasport, mal-ħżin jew mal-konsum tal-ikel jew tal-għalf (inkluż l-ilma tax-

			xorb) għall-bnedmin u għall-annimali.
Prodotti bijoċidali għall-ilma tax-xorb	Y	PP-BIO-5	PT5 - Prodotti li jintużaw biex jiddiżinfettaw l-ilma tax-xorb kemm għall-bnedmin kif ukoll għall-annimali.
Prodotti bijoċidali li jintużaw bħala preservattivi għall-prodotti waqt il-ħżin	Y	PP-BIO-6	PT6 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni ta' prodotti manifatturati, għajr oġġetti tal-ikel, għalf, kożmetiċi jew prodotti mediċinali jew tagħmir mediku permezz tal-kontroll tad-deterjorament mikrobiku sabiex jiġi żgurat il-perijodu ta' konservazzjoni tagħhom.
Preservattivi għall-pellikoli	Y	PP-BIO-7	PT7 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni ta' pellikoli jew kisi permezz tal-kontroll tad-deterjorament mikrobiku jew l-iżvilupp tal-alka għall-protezzjoni tal-karatteristiċi inizjali tas-superfiċje ta' materjali jew oġġetti bħal żebgħa, plastik, siġillanti, adeżivi tal-ħajt, legaturi, karti, xogħlijiet tal-arti.
Preservattivi għall-injam	Y	PP-BIO-8	PT8 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni tal-injam, li jibda minn u jinkludi l-istadju tal-fabbrika tas-serrar, jew tal-prodotti tal-injam permezz tal-kontroll ta' organiżmi li jeqirdu l-injam jew li jisfigurawh, inklużi l-insetti.
Preservattivi għal fibra, ġilda, gomma u materjali polimerizzati	Y	PP-BIO-9	PT9 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni ta' materjali fibrużi jew polimerizzati, bħalma huma l-prodotti tal-ġilda, tal-gomma jew tal-karta jew prodotti tessili permezz tal-kontroll tad-deterjorament mikrobijoloġiku.
Preservattivi għal materjal tal-bini	Y	PP-BIO-10	PT10 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni tal-ġebbla, materjali mħallta, jew materjali oħra tal-bini li mhumix l-injam permezz tal-kontroll ta' attacchi mikrobijoloġiċi u tal-alka.
Preservattivi għal sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar tal-likwidi	Y	PP-BIO-11	PT11 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni tal-ilma jew likwidi oħra li jintużaw fis-sistemi tat-tkessiħ u tal-ipproċessar permezz tal-kontroll ta' organiżmi dannużi bħal mikrobi, alka u molluski.
Slimiċidji	Y	PP-BIO-12	PT12 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-preservazzjoni jew il-kontroll tal-iżvilupp tal-lgħab fuq materjali, tagħmir

			u strutturi, li jintużaw fil-proċessi industrijali, eż. fuq l-injam u l-polpa tal-karta, is-saffi tar-ramel poruż fl-estrazzjoni taż-żejt.
Preservattivi għal fluwidi li jintużaw għall-ħdim jew għall-qtuġh	Y	PP-BIO-13	PT13 - Prodotti bijoċidali li jikkontrollaw id-deterjorament mikrobiku fi fluwidi li jintużaw għall-ħdim jew għall-qtuġh ta' metall, ħġieġ jew materjali oħra.
Rodentiċidi (minbarra għall-protezzjoni tal-pjanti)	Y	PP-BIO-14	PT14 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' ġrieden, firien jew annimali gerriema oħra, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom.
Aviċidji	Y	PP-BIO-15	PT15 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' għasafar, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom.
Molluskiċidi, vermiċidi u prodotti għall-kontroll ta' invertebrati oħrajn (teskludi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti)	Y	PP-BIO-16	PT16 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' molluski, dud u invertebrati mhux koperti minn tipi oħra ta' prodotti, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom.
Pisiċidji	Y	PP-BIO-17	PT17 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' ħut, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom.
Insettiċidi, akariċidi u prodotti għall-kontroll ta' artropodi oħra (minbarra prodotti ekwivalenti meta jintużaw bħala pestiċidi)	Y	PP-BIO-18	PT18 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' artropodi (eż. insetti, araknidi u krustaċji), b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom.
Sustanzi li jbiegħdu (ripellanti) u dawk li jattiraw (attractants)	Y	PP-BIO-19	PT19 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' pesti (invertebrati bħall-briegħed, vertebrati bħall-għasafar, ħut, annimali gerriema), billi jbiegħduhom jew jattirawhom.
Kontroll ta' vertebrati oħra	Y	PP-BIO-20	PT20 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll ta' vertebrati li mhumiex diġà koperti mit-tipi ta' prodotti l-oħra ta' dan il-grupp prinċipali, b'mezzi oħra li mhumiex dawk li jbiegħduhom jew jattirawhom.
Prodotti għall-kontra l-iżvilupp tal-ħaxix u tal-organiżmi tal-baħar (antifouling)	Y	PP-BIO-21	PT21 - Prodotti bijoċidali li jintużaw għall-kontroll tal-iżvilupp u l-kolonizzazzjoni ta' organiżmi li jniġġsu (mikrobi u forom aktar għoljin ta' speċijiet tal-pjanti jew tal-annimali) fuq bastimenti, tagħmir tal-akkwakultura jew strutturi oħra li jintużaw fl-ilma.

Fluwidi għall-ibbalzmar u dawk użati mit-tassidermisti	Y	PP-BIO-22	PT22 - Prodotti bijoċidali li jintużaw sabiex jiddiżinfettaw u jippreservaw il-katavri tal-bnedmin jew tal-annimali, jew ta' partijiet minnhom.
Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (teskludi l-prodotti bijoċidali)	N	PP-PRD	Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kif deskritt fl-Artikolu 2 ta' (KE) Nru 1107/2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti.
Akariċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-1	Prodotti li jintużaw għall-kontroll tad-dud.
Sustanzi li jattiraw (teskludi s-semjokimiċi)	Y	PP-PRD-2	Prodotti ġeneralment użati flimkien ma' nases biex jipprovdu funzjoni ta' monitoraġġ tal-għelejjel.
Batteriċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-3	Prodotti li jintużaw għall-kontroll tal-batterji fuq il-pjanti.
Bijopestiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-4	Bijopestiċidi jinkludu derivattivi ta' materjali naturali bħal annimali, pjanti u ċerti minerali; jinkludu wkoll batterji, fungi jew moffa u viruses u "sustanzi bażiċi".
Fungiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-5	Prodotti li jintużaw biex jikkontrollaw il-fungi fuq il-pjanti.
Erbċidi għall-protezzjoni tal-pjanti, inklużi sustanzi li jeqirdu l-faxxina u prodotti li joqtlu l-ħażiż	Y	PP-PRD-6	Prodotti li jintużaw biex jikkontrollaw pjanti mhux mixtieqa.
Insettiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-7	Prodotti li jintużaw għall-kontroll tal-insetti.
Molluskiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-8	Prodotti li jintużaw biex jikkontrollaw il-bebbux u l-bugħarwien.
Nematiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-9	Prodotti li jintużaw biex jikkontrollaw in-nematodi.
Regolaturi tat-tkabbir tal-pjanti	Y	PP-PRD-10	Regolatur tat-tkabbir tal-pjanti huwa kompost organiku, naturali jew sintetiku, li jimmodifika jew jikkontrolla proċess fiżjoloġiku speċifiku wieħed jew aktar fi pjanta. Jekk il-kompost jiġi prodott fil-pjanta jissejjaħ ormon tal-pjanti.
Ripellanti għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-11	Prodotti li jintużaw biex ibiegħdu insetti jew pesti oħra milli jikkolonizzaw fuq jew qrib il-wiċċ tal-pjanti.
Rodentiċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-12	Prodotti li jikkontrollaw l-annimali gerriema fosthom il-firien, il-ġrieden, l-iskwirils, il-firien il-ġebel tal-Amerika ta' Fuq, iċ-ċipmunks, l-ajul, in-nutrija, u l-kasturi.
Semjokimiċi	Y	PP-PRD-13	Feromoni naturali jew sintetiċi li jintużaw biex jew jattiraw insetti biex jimmonitorjaw u bħala indikazzjoni meta

			jispregjaw jew biex iħarbtu l-imġiba tagħhom.
Sterilizzanti tal-ħamrija	Y	PP-PRD-14	Prodotti li temporanjament jew b'mod permanenti jipprevjenu t-tkabbir tal-pjanti u l-annimali kollha.
Talpidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-15	Prodotti li jintużaw biex jikkontrollaw il-buħarrat.
Viriċidi għall-protezzjoni tal-pjanti	Y	PP-PRD-16	Prodotti li jintużaw speċifikament għall-kontroll ta' viruses tal-pjanti bħal-leaf curl u l-leaf mosaic virus.
Prodotti oħrajn għall-protezzjoni tal-pjanti u taħlitiet relatati	Y	PP-PRD-OTH	Prodotti oħra għall-protezzjoni tal-pjanti mhux diġà koperti, u taħlitiet użati fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti inklużi sustanzi awżiljarji.